MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 422/2005

Kawza fil-lista: 35

**AB**
**vs**
**CD**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici zzewwget lill-konvenut CD fis-7 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) gewwa l-knisja ta' San Giljan, San Giljan (kopja ta' liema certifikat taz-zwieg annessa bhala Dok. A), minn liema zwieg ma twieldux tfal;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju

fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Premess illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null ai termini tas-subartikoli 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) tal-Kap 255;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk tordna li ssir ir-registrazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa illi huwa jaqbel li l-imsemmi zwieg huwa null pero' minn issa qieghed jiddikjara li kwalunkwe responsabbilta' m' ghandhiex tigi attribwita lilu.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-7 ta' Dicembru 2003

huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali “tal-partijiet” kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijjiet ta’ Malta. Minn naha tieghu, il-konvenut qed jikkontesta t-talba attrici limitatament ghar-responsabbilita’ ghan-nullita’.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta’ Dicembru 2003, meta allura l-attrici kellha 20 sena u l-konvenut kellu 30 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien sena. Wara konvivenza ta’ hames xhur il-hajja matrimonjali bejniethom kienet saret impossibbli u l-partijiet isseparaw de facto, u fit-18 ta’ Frar 2005 iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi z-zewg partijiet jaqblu li l-konvivenza matrimonjali, ghalkemm qasira hafna, kienet karatterizzata bi glied u tensjoni kontinwa bejniethom; izda jaghtu ragunijiet differenti ghal dan.

L-attrici tghid li hi kienet izzewwget biss fuq insistenza tal-konvenut. Fil-fatt f’ diversi okkazzjonijiet hija kienet esprimiet id-dubji taghha dwar il-proposta ta’ zwieg maghmula mill-konvenut, u kienet anke ssugerietlu li minflok jizzewwgu setghu jghixu flimkien; izda eventwalment dan kien jippreswadiha sabiex jizzewwgu.

Fi kliemha: “Minhabba dawn id-dubji, jiena lil Lawrence kont issuggerejtlu illi nghixu flimkien ghal perijodu ta’ zmien minflok nizzewwgu. Hu assolutament ma riedx u qalli li hu jizzewweg irid. Kont bqajt nghidlu xi darbtejn f’ xahar biex ma nizzewwgux, u aktar ma jghaddi z-zmien aktar bdejt nghidlu. Pero’ kont nghidlu minghajr hafna forza, u hu kien jirnexxilu jbiddili l-hsieb ghal ftit.”[1]

L-attrici tispjega li wara z-zwieg l-affarijiet hadu zvolta ghall-aghar u beda jinqala’ hafna nkwiet bejniethom u hafna glied, bir-rizultat li l-intimita’ bejneithom kienet naqset hafna, u lejn l-ahhar tal-konvivenza kienet spiccat

[1] Aff. Fol.11 *et seq.*

ghal kollox peress li, skond l-attrici, il-konvenut ma baqax iffittixha aktar u kien uriha bic-car li ma riediex aktar. L-attrici tattribwixxi l-inkwiet matrimonjali ghall-fatt li l-konvenut kellu delizzju li fuqu kien jonfoq hafna flus, u li dan il-passatemp kien jigi qabel l-attrici, allura martu. Hi tghid li l-konvenut kien emozjonalment immatur u kellu problema fis-sens li ma kienx kapaci jggestixxi flusu.

Fl-ahhar ta' l-affidavit taghha hi tghid li, skond hi, il-konvenut "m'huwiex maghmul ghaz-zwieg ghaliex l-ewwel haga kien mohhu wisq fih innifsu u fid-delizzju tieghu, u t-tieni nett m'huwiex lest illi jaqsam hajtu ma' persuna ohra u jaghti l-attenzjoni li ragel ghandu jghati lill-mara."[2]

Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jikkonferma li hu ghandu d-delizzju tar-ritratti li fuqu jonfoq bejn Lm100 u Lm150 fix-xahar, jilmenta mill-fatt li r-relazzjoni tieghu ma' l-attrici, kemm dik prenuzjali kif ukoll dik matrimonjali, kienu mminati mill-indhil esagerat da parti tal-familjari ta' l-attrici, senjatment ommha. Huwa jammetti li kien hu li ppropona z-zwieg, u jghid ukoll li l-attrici kienet inizjalment ittitubat qabel ma accettat li tizzewweg; izda jichad li hu kien esercita xi pressjoni fuqha fir-rigward. Huwa jammetti li l-partijiet kellhom problemi finanzjarji dovuti ghall-fatt li hu ma kienx jaf ifaddal, u li l-partijiet, partikolarment l-attrici, kienet tahdem sieghat twal u di fatti kellha zewg part time jobs.

Huwa jichad li kien waqaf ghal kollox milli jfittixha ghall-intimita' u jattribwixxi n-nuqqas f' dan ir-rigward ghall-fatt li z-zewg partijiet kienu jkunu ghajjenin wara gurnata xoghol. Jammetti pero' li l-inkwiet matrimonjali beda mill-bidunett taz-zwieg, ghax ma kienux jaqblu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Mill-kwadru premess il-Qorti tirravvisa fil-konfront taz-zewg partijiet il-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat. Kemm l-attrici, kif ukoll il-konvenut ma kienux kapaci jassumu l-obbligi matrimonjali. L-attrici tghid li sa minn qabel iz-zwieg, hija

[2] Ibid.

kellha hafna dubji dwar iz-zwieg, u kienet esprimiet dawn id-dubji lill-konvenut li minn naha tieghu kien jippersisti fuq il-proposta tieghu taz-zwieg.

Il-Qorti thoss li l-fatt li z-zewg partijet, nonostante s-sitwazzjoni vigenti dak iz-zmien bejniethom, mxewew lejn iz-zwieg, jmmanifesta nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju da parti tat-tnejn dwar l-import tal-hajja konjugali u l-kapacita’ taghhom li japprezzew u jassumu l-obbligi li l-konvivenza matrimonjali necessarjament timporta. Ghalhekk, m’huwiex sorprendenti l-fatt li mill-bidunett taz-zwieg il-partijiet ma setghux jikkonvivu pacifikament f’ unjoni diretta lejn il-benessere reciproku, u bazata fuq l-obbligu tal-kontraenti li jaghtu lilhom infushom lill xulxin fit-totalita’ taghhom sabiex tigi stabbilita’ bejniethom “the community of life and love.”

Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta’ Dicembru 2003. L-ispejjez bin-nofs, bejn iz-zewg partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------